

L-Artikolu 29(1)(a) - Qrati b'ġurisdizzjoni

Rikorsi għall-ordni ta' pagament Ewropew ippreżentati fl-lżvezja jiġu eżaminati mill-Amministrazzjoni tal-Eżekuzzjoni Żvediża (*Kronofogdemyndigheten*) (l-Artikolu 2 tal-Att dwar il-proċedura Ewropea għall-ordni ta' pagament).

L-Artikolu 29(1)(b) - Proċedura ta' reviżjoni

Ir-rikorsi għar-reviżjoni jiġu eżaminati mill-qorti tal-appell (*hovrätt*) (Artikolu 13 tal-Att dwar il-proċedura Ewropea għall-ordni ta' pagament). Jekk rikors jintlaqa', il-qorti tal-appell tiddeċiedi fl-istess fin li jsir irrialutar mill-Amministrazzjoni tal-Eżekuzzjoni Żvediża.

Għal aktar informazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, jekk jogħġbok ikkuntattja l-Amministrazzjoni tal-Eżekuzzjoni Żvediża (www.kronofogden.se)

L-Artikolu 29(1)(c) - Mezzi ta' komunikazzjoni

Ir-rikorsi għall-proċedura Ewropea għall-ordni ta' pagament għandhom bħala prinċipju jiġu ppreżentati bil-miktub. L-Amministrazzjoni tal-Eżekuzzjoni Żvediża tista' tiddeċiedi li r-rikorsi jiġu magħmula permezz ta' mezz li jippermetti l-użu tal-ipproċessar awtomatiku tal-informazzjoni (l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar proċedura Ewropea għall-ordni ta' pagament).

L-Artikolu 29(1)(d) - Lingwi aċċettati

Fl-lżvezja, fir-rikorsi tal-eżekuzzjoni għal proċedura Ewropea għall-ordni ta' pagament li jiġu ddikjarati eżegwibbilfi Stat Membru ieħor, l-ordni għall-pagament għandu jiġi tradott fl-Isvediż jew fl-Ingliż (l-Artikolu 10 tar-Regolament dwar proċedura Ewropea għall-ordni ta' pagament).

L-aññar aġġornament: 24/01/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañhal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.